StudentBounty.com

# Il-*Benchmark* ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2012

## It-Tieni Sessjoni

## Il-Malti: Is-Smigħ

## Il-Ħin: 30 minuta

**Il-KARTA TAL-EŻAMINATURI**

**NOTA:**

**L-eżami kollu jinqara minn narraturi li leħinhom huwa rrekordjat fuq diska kompatta. Dan l-iskript jinqara BISS f'każ li d-diska kompatta ma taħdimx.**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

Merħba.

Matul is-sessjoni tas-smigħ ser tisma’ żewġ siltiet.

Jekk trid, tista’ tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma’ l-qari tas-siltiet.

Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji, se tinqara darbtejn.

Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek u ssib paġni 3 u 4.

--------------- *Waqfa ta’ 10 sekondi* ---------------

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tal-ewwel silta.

--------------- *Waqfa ta’ 25 sekonda* ---------------

Issa se tinqara l-ewwel silta. Waqt il-qari tista’ tibda taħdem l-eżerċizzji.

--------------- *Waqfa ta’ 3 sekondi* ---------------

**Il-Qari tal-Ewwel Silta:** **Żjara fi sptar**

Meta żżur pazjent fi sptar qis li żżomm f’moħħok dawn il-punti:

- Tassumix li l-marid qed jieħu gost bik. Hawn min ma jkun irid lil ħadd jarah meta ma jkunx fl-aħjar tiegħu, ngħidu aħna, muġugħ u mitluq.

- Tpoġġix bilqiegħda qabel ma jgħidlek hu. Hekk, jekk tegħja fuq saqajk, tkun taf li sarlek il-ħin biex titlaq.

- Mhix edukazzjoni li tpoġġi fuq is-sodda tal-marid, anki jekk inti s-soltu tagħmel hekk id-dar tiegħu, għax ikollok kunfidenza miegħu. Fl-isptar iċ-ċirkostanzi huma differenti.

- Taqbadx u, “għax titħassru”, teħodlu ikel, ħelu jew xorb li taf li l-pazjent ma jistax jieħu. Dan jista’ jkun ta’ ħsara għal saħħtu, iżjed u iżjed jekk ikun qiegħed fuq xi dieta speċjali.

- Hija pastażata mill-kbar li tibda tpaċpaċ ma’ xi nies oħra li jkunu ħdejn il-marid u lilu tinjorah.



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

- Flok tieħu fjuri li jidbielu malajr, ħu pjanta li ddum ferm iżjed u ma ddejj… għandu problemi tan-nifs.

- Qabel tidħol l-isptar, itfi l-mowbajl għax jista' jdejjaq lill-pazjenti u jfixkel il-magni li jkun hemm.

*(Meħuda minn 'Sagħtar', Jannar 2004)*

**Tmiem l-ewwel silta**

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A**

**Imla l-vojt billi tagħżel it-tweġiba t-tajba mill-kaxxa skont dak li smajt fis-silta.**

L-ewwel waħda hija eżempju.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **pjaċir** | **bilwieqfa** | **bla saħħa** | **toqgħod** | **mġiba** | ~~**ruħek**~~ |

**Numru wieħed:**

Din is-silta li smajt toffri gwida dwar kif iġġib **ruħek** meta żżur marid.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**

F'din is-sitwazzjoni trid turi _____________ tajba.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Il-marid mhux bilfors se jieħu _____________ biż-żjara tiegħek għax jista' jkun muġugħ u _________________.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Kif tidħol ħdejh ibqa' _____________ sakemm jgħidlek hu.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Numru ħamsa:**

Fl-isptar qatt m'għandek _____________ fuq is-sodda tal-marid.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel is-sinjal muri fil-kaxxa t-tajba skont dak li smajt fis-silta.**

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Is-silta hi dwar żjara

a. f'dar.

b. fi sptar.

ċ. f'ċentru tas-saħħa.

It-tweġiba t-tajba hija l-**b**. Għalhekk għamilt sinjal fil-**kaxxa b**, *'fi sptar'*.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**

Lill-marid teħodlux ikel, ħelu u xorb għax

a. tħoss għalih.

b. fl-isptar ma tistax iddaħħal ikel.

ċ. ittellef il-magni tal-isptar.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Hija ħaġa tajba li meta żżur pazjent

a. tpoġġi bilqiegħda fuq is-sodda tiegħu.

b. teħodlu pjanta.

ċ. toqgħod tpaċpaċ ma' ħaddieħor.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Numru erbgħa:**

Meta ma tagħtix kas il-marid tkun qed

a. turi manjieri tajbin.

b. turi nuqqas ta’ edukazzjoni.

ċ. tagħmel opra ta’ karità.

--------------- *Waqfa ta’ 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Aħjar ma teħodlux fjuri għax

a. goffi biex iġġorrhom.

b. ikerrhu l-kamra.

ċ. jinxfu malajr.

--------------- *Waqfa ta’ 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Meta żżur lil xi ħadd l-isptar, il-mowbajl għandek

a. titfih.

b. tixegħlu.

ċ. tagħtih lin-ners.

--------------- *Waqfa ta’ 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb* ---------------

Se terġa’ tisma’ s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma’ tista’ tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.

**Il-Qari tal-Ewwel Silta:** **Żjara fi sptar**

Meta żżur pazjent fi sptar qis li żżomm f’moħħok dawn il-punti:

- Tassumix li l-marid qed jieħu gost bik. Hawn min ma jkun irid lil ħadd jarah meta ma jkunx fl-aħjar tiegħu, ngħidu aħna, muġugħ u mitluq.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

- Tpoġġix bilqiegħda qabel ma jgħidlek hu. Hekk, jekk tegħja fuq saqajk, tkun il-ħin biex titlaq.

- Mhix edukazzjoni li tpoġġi fuq is-sodda tal-marid, anki jekk inti s-soltu tagħmel hekk id-dar tiegħu, għax ikollok kunfidenza miegħu. Fl-isptar iċ-ċirkostanzi huma differenti.

- Taqbadx u, "għax titħassru", teħodlu ikel, ħelu jew xorb li taf li l-pazjent ma jistax jieħu. Dan jista' jkun ta' ħsara għal saħħtu, iżjed u iżjed jekk ikun qiegħed fuq xi dieta speċjali.

- Hija pastażata mill-kbar li tibda tpaċpaċ ma' xi nies oħra li jkunu ħdejn il-marid u lilu tinjorah.

- Flok tieħu fjuri li jidbielu malajr, ħu pjanta li ddum ferm iżjed u ma ddejjaqx lil min għandu problemi tan-nifs.

- Qabel tidħol l-isptar, itfi l-mowbajl għax jista' jdejjaq lill-pazjenti u jfixkel il-magni li jkun hemm.

*(Meħuda minn 'Sagħtar', Jannar 2004)*

**Tmiem l-ewwel silta**

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A**

**Imla l-vojt billi tagħżel it-tweġiba t-tajba mill-kaxxa skont dak li smajt fis-silta.**

L-ewwel waħda hija eżempju.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **pjaċir** | **bilwieqfa** | **bla saħħa** | **toqgħod** | **mġiba** | **~~ruħek~~** |

**Numru wieħed:**

Din is-silta li smajt toffri gwida dwar kif iġġib **ruħek** meta żżur marid.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Numru tnejn:**

F'din is-sitwazzjoni trid turi _____________ tajba.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Il-marid mhux bilfors se jieħu _____________ biż-żjara tiegħek għax jista' jkun muġugħ u ________________.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Kif tidħol ħdejh ibqa' _____________ sakemm jgħidlek hu.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Fl-isptar qatt m'għandek _____________ fuq is-sodda tal-marid.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel is-sinjal muri fil-kaxxa t-tajba skont dak li smajt fis-silta.**

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed.**

Is-silta hi dwar żjara:

a. f'dar.

b. fi sptar.

ċ. f'ċentru tas-saħħa.

It-tweġiba t-tajba hija l-**b**. Għalhekk għamilt sinjal fil-kaxxa **b**, *'fi sptar'*.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Numru tnejn:**

Lill-marid teħodlux ikel, ħelu u xorb għax

a. tħoss għalih.

b. fl-isptar ma tistax iddaħħal ikel.

ċ. ittellef il-magni tal-isptar.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Hija ħaġa tajba li meta żżur pazjent

a. tpoġġi bilqiegħda fuq is-sodda tiegħu.

b. teħodlu pjanta.

ċ. toqgħod tpaċpaċ ma' ħaddieħor.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

Meta ma tagħtix kas il-marid tkun qed

a. turi manjieri tajbin.

b. turi nuqqas ta' edukazzjoni.

ċ. tagħmel opra ta' karità.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Aħjar ma teħodlux fjuri għax

a. goffi biex iġġorrhom.

b. ikerrhu l-kamra.

ċ. jinxfu malajr.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**

Meta żżur lil xi ħadd l-isptar, il-mowbajl għandek

a. titfih.

b. tixegħlu.

ċ. tagħtih lin-ners.

--------------- *Waqfa ta' 10 sekonda għal min għadu jikteb* ---------------



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Issa ngħaddu għat-tieni silta.**

Nitolbok issib paġna 5 u paġna 6.

--------------- *Waqfa ta' 5 sekondi* ---------------

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.

--------------- *Waqfa ta' 45 sekonda* ---------------

Issa se tinqara t-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Il-Qari tat-Tieni Silta:**

**Intervista lid-Direttriċi tad-Dipartiment "Inħarsu d-Drittijiet tat-Tfal"**

*Tony Cefai:*

Insellmilkom u nilqagħkom għar-rokna ċkejkna tagħna fil-programm ***Il-Mistoqsija Oħt il-Għerf.*** F'din is-sensiela qed nistiednu nies li jaħdmu f'xi qasam partikolari u f'dan il-ftit ħin nitkellmu magħhom dwar xogħolhom. Illum magħna fl-istudjow għandna lis-Sinjura Marija Borg li hi d-Direttriċi tad-Dipartiment "***Inħarsu d-Drittijiet tat-Tfal***".
Sinjura Borg, nilqgħuk magħna llum u grazzi li għoġbok tilqa' l-istedina tagħna.

*Marija Borg:*

Grazzi lilek, Tony, u nsellem lis-semmiegħa ta' dan il-programm.

*Tony Cefai:*

Marija, inti ntgħażilt direttriċi tad-dipartiment li jħares id-drittijiet tat-tfal. Xi jfisser li tkun direttriċi ta' dan id-dipartiment?

*Marija Borg:*

Xogħli huwa li nħares id-drittijiet u l-interessi tat-tfal skont ir-regoli tal-Ġnus Magħquda. Dan ifisser li t-tfal Maltin u Għawdxin għandhom lil min jaqbeż għad-drittijiet tagħhom, u min jgħinhom biex l-opinjonijiet u l-esperjenzi tagħhom jinstemgħu aktar fis-soċjetà.



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*Tony Cefai:*

Imma x'tifhem bi 'drittijiet tat-tfal'? X'inhuma dawn id-drittijiet?

*Marija Borg:*

It-tfal għandhom dritt li jgħixu ħajja tajba f'ambjent ta' hena, imħabba u ftehim. Għandhom dritt li jieħdu gost ma' sħabhom, jitgħallmu, jilagħbu, ikollhom min jieħu ħsiebhom, u jeħtieġu jgħixu f'ambjent nadif. Dawn id-drittijiet għandhom ikunu rispettati minn kulħadd.

*Tony Cefai:*

X'taħseb li huma l-akbar problemi li jiltaqgħu magħhom it-tfal tagħna?

*Marija Borg:*

L-aktar li jdejjaqhom lit-tfal huwa l-istress żejjed tal-eżamijiet. Imbagħad hemm il-problema tal-*bullying*. Kultant l-imġiba ħażina tal-adulti twassal biex it-tfal jgħixu ħajja f'kundizzjonijiet ħżiena. It-tfal huma sensittivi meta xi ħadd ma jkunx ġust magħhom. Meta jaraw li ma jistgħu jagħmlu xejn biex isolvu dawn il-problemi, jieħduha bi kbira ħafna.

*Tony Cefai:*

Bħala dipartiment, torganizzaw xi attivitajiet speċjali għat-tfal?

*Marija Borg:*

Kull sena ssir ċerimonja sabiħa fil-Jum Dinji tat-Tfal. Ikollna programm mimli daqs bajda bl-attivitajiet rikreattivi. Pereżempju, ikun hemm varjetà ta' logħob bħal ġbid il-ħabel, futbol, baskitbol, rikbiet fuq il-poni, u reċti mit-tfal flimkien ma' artisti magħrufin. Barra minn hekk, jiena bħala Direttriċi, inżur l-iskejjel u niddiskuti mat-tfal kif jaħsbuha dwar għadd ta' suġġetti.

*Tony Cefai:*

Mistoqsija tal-aħħar.
X'messaġġ tixtieq tgħaddi lil kull min qed jismagħna?

*Marija Borg:*

Qed ngħixu f'dinja l-ġmiel tagħha, imma żgur li mhix perfetta. Flimkien, jekk kulħadd jaħdem id f'id, nistgħu nagħmlu dinja aħjar. Flimkien nistgħu nibnu futur aħjar, fejn id-drittijiet tat-tfal ikunu rispettati u mħarsa aktar.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*Tony Cefai:*

Grazzi lilek, Sinjura Borg. B'hekk wasalna fit-tmiem tar-rokna tagħna fil-prog
***Il-Mistoqsija Oħt il-Għerf.*** Nirringrazzjakom u niltaqgħu bħal-lum ġimgħa fl-istess ħin.

**Tmiem it-tieni silta**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel is-sinjal muri fil-kaxxa t-tajba skont dak li smajt fis-silta.**

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Dan il-programm tar-radju jismu ***Il-Mistoqsija Oħt il-Għerf***.

Din **Veru**. Għalhekk għamilt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejn **Veru**.

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Il-mistiedna tal-programm hi d-Direttriċi tad-Dipartiment tal-Konsumatur.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**

Id-Direttriċi ma tħobbx tisma' l-opinjonijiet tat-tfal.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**

It-tfal għandhom id-dritt li jgħixu f'ambjent pożittiv.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**

Il-Ġnus Magħquda mhix interessata fid-drittijiet tat-tfal.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Numru sitta:**

Id-Direttriċi miżżewġa u għandha żewġt itfal.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ B.**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa skont dak li smajt fis-silta.**

L-ewwel waħda hija eżempju.

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:

**It-tfal għandhom il-jedd li jgħixu f'sitwazzjoni ...**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli ...

**... fejn hemm il-ferħ, l-imħabba u l-ftehim.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:

**It-tfal għandhom il-jedd li jgħixu f'sitwazzjoni fejn hemm il-ferħ, l-imħabba u l-ftehim.**

**Issa se naqralek Kolonna A u wara Kolonna B. Waqt li qed naqra, tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.**

**Kolonna A**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | **It-tfal igergru l-iżjed fuq il-pressjoni ...** |
| Numru tlieta: | **Fil-Jum Dinji tat-Tfal isiru ...** |
| Numru erbgħa: | **Id-Direttriċi żżur lit-tfal fl-iskejjel ...** |
| Numru ħamsa: | **Jekk naħdmu flimkien inkunu ...** |
| Numru sitta: | **Fl-aħħar tal-intervista, is-Sinjura Borg ...** |

Issa se naqralek **Kolonna B**:

**... biex tisma' l-fehmiet tagħhom.**

**... appellat għal aktar rispett lejn id-drittijiet tat-tfal.**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**... ħafna attivitajiet ta' divertiment.**

**... tal-eżamijiet u tal-*bullying*.**

**... nistgħu nbiddlu d-dinja għall-aħjar.**

-------------- *Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb* ---------------

Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.

**Il-Qari tat-Tieni Silta:**

**Intervista lid-Direttriċi tad-Dipartiment "Inħarsu d-Drittijiet tat-Tfal"**

*Tony Cefai:*

Insellmilkom u nilqagħkom għar-rokna ċkejkna tagħna fil-programm ***Il-Mistoqsija Oħt il-Għerf.*** F'din is-sensiela qed nistiednu nies li jaħdmu f'xi qasam partikolari u f'dan il-ftit ħin nitkellmu magħhom dwar xogħolhom. Illum magħna fl-istudjow għandna lis-Sinjura Marija Borg li hi d-Direttriċi tad-Dipartiment "***Inħarsu d-Drittijiet tat-Tfal***".
Sinjura Borg, nilqgħuk magħna llum u grazzi li għoġbok tilqa' l-istedina tagħna.

*Marija Borg:*

Grazzi lilek, Tony, u nsellem lis-semmiegħa ta' dan il-programm.

*Tony Cefai:*

Marija, inti ntgħażilt direttriċi tad-dipartiment li jħares id-drittijiet tat-tfal. Xi jfisser li tkun direttriċi ta' dan id-dipartiment?

*Marija Borg:*

Xogħli huwa li nħares id-drittijiet u l-interessi tat-tfal skont ir-regoli tal-Ġnus Magħquda. Dan ifisser li t-tfal Maltin u Għawdxin għandhom lil min jaqbeż għad-drittijiet tagħhom, u min jgħinhom biex l-opinjonijiet u l-esperjenzi tagħhom jinstemgħu aktar fis-soċjetà.

*Tony Cefai:*

Imma x'tifhem bi 'drittijiet tat-tfal'? X'inhuma dawn id-drittijiet?

*Marija Borg:*

It-tfal għandhom dritt li jgħixu ħajja tajba f'ambjent ta' hena, imħabba u ftehim. Għandhom dritt li jieħdu gost ma' sħabhom, jitgħallmu, jilagħbu, ikollhom min jieħu ħsiebhom, u jeħtieġu jgħixu f'ambjent nadif. Dawn id-drittijiet għandhom ikunu rispettati minn kulħadd.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*Tony Cefai:*

X'taħseb li huma l-akbar problemi li jiltaqgħu magħhom it-tfal tagħna?

*Marija Borg:*

L-aktar li jdejjaqhom lit-tfal huwa l-istress żejjed tal-eżamijiet. Imbagħad hemm il-problema tal-*bullying*. Kultant l-imġiba ħażina tal-adulti twassal biex it-tfal jgħixu ħajja f'kundizzjonijiet ħżiena. It-tfal huma sensittivi meta xi ħadd ma jkunx ġust magħhom. Meta jaraw li ma jistgħu jagħmlu xejn biex isolvu dawn il-problemi, jiħduha bi kbira ħafna.

*Tony Cefai:*

Bħala dipartiment, torganizzaw xi attivitajiet speċjali għat-tfal?

*Marija Borg:*

Kull sena ssir ċerimonja sabiħa fil-Jum Dinji tat-Tfal. Ikollna programm mimli daqs bajda bl-attivitajiet rikreattivi. Pereżempju, ikun hemm varjetà ta' logħob bħal ġbid il-ħabel, futbol, baskitbol, rikbiet fuq il-poni, u reċti mit-tfal flimkien ma' artisti magħrufin. Barra minn hekk, jiena bħala Direttriċi, inżur l-iskejjel u niddiskuti mat-tfal kif jaħsbuha dwar għadd ta' suġġetti.

*Tony Cefai:*

Mistoqsija tal-aħħar.
X'messaġġ tixtieq tgħaddi lil kull min qed jismagħna?

*Marija Borg:*

Qed ngħixu f'dinja l-ġmiel tagħha, imma żgur li mhix perfetta. Flimkien, jekk kulħadd jaħdem id f'id, nistgħu nagħmlu dinja aħjar. Flimkien nistgħu nibnu futur aħjar, fejn id-drittijiet tat-tfal ikunu rispettati u mħarsa aktar.

*Tony Cefai:*

Grazzi lilek, Sinjura Borg. B'hekk wasalna fit-tmiem tar-rokna tagħna fil-programm ***Il-Mistoqsija Oħt il-Għerf.*** Nirringrazzjakom u niltaqgħu bħal-lum ġimgħa fl-istess ħin.

## Tmiem it-tieni silta



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel is-sinjal muri fil-kaxxa t-tajba skont d smajt fis-silta.**

L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**

Dan il-programm tar-radju jismu ***Il-Mistoqsija Oħt il-Għerf***.

Din **Veru**. Għalhekk għamilt sinjal fil-kaxxa ta' ħdejn **Veru**.

Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru tnejn:**

Il-mistiedna tal-programm hi d-Direttriċi tad-Dipartiment tal-Konsumatur.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru tlieta:**

Id-Direttriċi ma tħobbx tisma' l-opinjonijiet tat-tfal.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru erbgħa:**

It-tfal għandhom id-dritt li jgħixu f'ambjent pożittiv.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru ħamsa:**

Il-Ġnus Magħquda mhix interessata fid-drittijiet tat-tfal.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------

**Numru sitta:**

Id-Direttriċi miżżewġa u għandha żewġt itfal.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* --------------



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Issa se naqralek Taħriġ B.**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-n**
**fil-kaxxa skont dak li smajt fis-silta.**

L-ewwel waħda hija eżempju.

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:

**It-tfal għandhom il-jedd li jgħixu f'sitwazzjoni ...**

F'Kolonna B din is-sentenza tkompli ...

**... fejn hemm il-ferħ, l-imħabba u l-ftehim.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:

**It-tfal għandhom il-jedd li jgħixu f'sitwazzjoni fejn hemm il-ferħ, l-imħabba u l-ftehim.**

Issa se naqralek Kolonna A u wara Kolonna B. Waqt li qed naqra, tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | **It-tfal igergru l-iżjed fuq il-pressjoni ...** |
| Numru tlieta: | **Fil-Jum Dinji tat-Tfal isiru ...** |
| Numru erbgħa: | **Id-Direttriċi żżur lit-tfal fl-iskejjel ...** |
| Numru ħamsa: | **Jekk naħdmu flimkien inkunu ...** |
| Numru sitta: | **Fl-aħħar tal-intervista, is-Sinjura Borg ...** |

Issa se naqralek **Kolonna B**:

**... biex tisma' l-fehmiet tagħhom.**

**... appellat għal aktar rispett lejn id-drittijiet tat-tfal.**

**... ħafna attivitajiet ta' divertiment.**

**... tal-eżamijiet u tal-*bullying*.**

**... nistgħu nbiddlu d-dinja għall-aħjar.**

*-------------- Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb ---------------*

Issa għandek żewġ minuti biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.

*--------------- Waqfa ta' 2 minuti ---------------*

Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa. Saħħa!



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers